MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 188/2003

PULIZIJA
SUPRETENDENT CHRISTOPHER PULLICINO
VS
ANTON AGIUS
BRIAN CILIA
ANTHONY GRECH
ROBERT BORG
RICHMOND TONG
ROZARIO ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anton Agius, ta’ 22 sena, bin Anthony u Emmanuela nee’ Caruana, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ April 1980 u residenti ‘43A’, Vassalli Street, Zebbug, detentur ta’ karta ta’ l-idenita’ numru 213980(M). Brian Cilia ta’ 23 sena bin Emmanuel u Ivy nee’ Walker, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Gunju, 1979 u residenti ‘39’, Wooden Nickill, Triq ir-Raddiena, Zebbug, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru

299979(M). Anthony Grech, ta’ 19-il sena, bin George u Emmanuela nee’ Grech, imwieled il-Pieta’ fl-1 ta’ Jannar 1983, u residenti ‘7’, Alley 1, De Rohan Street, Zebbug, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 231583(M). Robert Borg, ta’ 22 sena, bin Joseph u Carmen nee Micallef, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Dicembru 1979, residenti ‘7’, Ghexierem Street, Rabat, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 24780(M). Richmond Tong, ta’ 17-il sena, bin Raymond u Monica nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ fit-31 ta’ Awwissu, 1984, residenti ‘11/4’, St. Thomas Street, Rabat, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 419684(M). Rosario Zammit ta’ 23 sena, bin Michael u Margaret nee’ Cortis, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Dicembru, 1978, residenti ‘Flt 1’, St.Anthony Flats, Triq Amante Attard, Zebbug, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 27279(M).

Brian Cilia, Anthony Grech u Robert Borg akkuzati talli; mill-Bar tal-Golden Sands Hotel sitwata f’Ghajn Tuffieha, fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ April, 2000, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom xrob alkoholiku, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi il-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin u sar ghad-dannu tad-derigenti tal-istess lukanda.

Illi akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun dahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Illi akkuzati wkoll illi f’dawn il-gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija aktar minn hamsin lira maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin, ghad-dannu tad-derigenti tal-istess lukanda.

Anthony Grech, Anton Agius, Richmond Tong u Rozario Zammit akkuzati talli; minn gewwa l-Isplash and Fun Complex ta’ Bahar ic-Caghaq, fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Mejju 2002, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom tlett *‘iguanas’* liema serq huwa kkwalifikat bil-hin,

bil-mezz u bil-valur li jeccedi il-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin u sar ghad-dannu tad-derigenti tal-istess Kumpless;

Talli wkoll akkuzati talli; fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistaw b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Talli Anton Agius wahdu wkoll akkuzat talli; irrendejt ruhi recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-24 ta' Gunju 2004 fil-konfront ta' l-imputat Anthony Grech u Rozario Zammit (ara fol.51 et seq.)

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-7 ta' Ottubru 2004 fil-konfront ta' l-imputat Brian Cilia (ara fol.60 et seq.)

Semghat l-ammisjoni ta' l-imputat Anton Agius fil-5 ta' Settembru 2005 (a fol.66 u 67) kif gie kkonfermat minnu stess.

Rat il-verbal tat-13 ta' Settembru 2007 fejn il-prosekuzzjoni u d-difiza rrimettew rwiehom ghal provi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol.44) u tal-imputat Agius (a fol.68) sabiex il-kas jigi trattat b'procedura sommarja.

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammisjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Anton Agius hati tar-raba' akkuza, mhux hati tal-hames akkuza li minnha tilliberah stante li din hija sussidjarja ghar-raba' akkuza, hati tas-sitt akkuza u wara li rat Artiklu 28A, 28G, 261, 263, 267, 270, 325, 49 u 50, 289 Kap.9 tikkundanna lill-imputat ghal 18-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin. In oltre tqieghed lill-imputat Anton Agius taht supervision suspended order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nnomminat.

Din il-piena qed tinghata in vista ta' dewmien ta' dawn il-proceduri, in vista ta' l-eta' ta' l-imputat, tal-fedina penali tieghu u in vista tal-fatt li l-imputat qed jattendi program residenzjali kontra d-dipendenza tad-droga. Dawn ic-cirkostanzi specali jimmeritaw tnaqqis mill-piena stabbilita' skond il-Ligi ai termini ta' Artikolu 21 Kap.9.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------